Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 16/2014AE

**Melvin Micallef**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 25 ta' Mejju 2016.

L-intimat appella mid-decizjoni tal-Arbitru tad-19 ta' Settembru 2014 li biha ntlaqa' l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tad-Direttur. Jirrizulta li:-

i. Fl-24 ta' April 2013 l-appellat kien applika biex jinghata l-ghajnuna ghall-qghad;
ii. It-talba tieghu giet michuda ghaliex id-Direttur iddecieda li ma jikkwalifikax peress li l-appellat ighix fil-fond numru 2, St. Joseph, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija li: *"... ma jirrizultax li ghandu dawl u ilma f'dan il-post u inoltre qieghed imnizzel bhala wiehed minn hamsa li jirrisjedi ma' ommu fl-appartament 1, St. Joseph, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija."* (twegiba li l-appellant pprezenta quddiem l-appellant).

Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

*"Illi waqt is-seduta li nzammet sabiex l-appellant iressaq il-kaz tieghu huwa xehed bil-gurament quddiem l-Arbitru li hu kien ighix fil-fond 2, St. Joseph, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija u li hu kellu servizz ta' elettriku u ilma izda ma kellux arlogg ghaliex kien jiehu l-elettriku u l-ilma peress li l-fond tieghu kien konness mas-servizzi li kellha ommu. Hu ma kellux il-flus biex idahhal arloggi ghal rasu pero' qal li meta ibda jahdem u jkollu l-flus kien sar jaghmel dan.*

*Id-Dipartiment ikkonferma li c-cahda ghall-ghajnuna tal-qghad kienet ibbazata totalment fuq il-fatt li meta huma ghamlu l-verifiki biex jaraw jekk ghandux arloggi ta' dawn is-servizzi ma sabuha irregistrat ghal dawn dawn l-arloggi u kkonkludew li ma kellux dawn is-servizzi u ghalhekk ma setax ikun li jghix fil-fond indikat lid-Dipartiment.*

*L-Arbitru jhoss li l-assunzjoni li ghamel id-Dipartiment giet sufficjentement kontradetta mill-appellant li spjega li hu ma kellux flus biex idahhal arloggi separati imma l-fondi tieghu u t'ommu kienu t-tnejn separati u kien biss jiehu l-elettriku u l-ilma minghandha ghax ma kellux flus biex idahhal l-arloggi.*

*Jidher li l-verzjoni lit a l-appellant hija wahda kredibbli u d-Dipartiment ried igib provi aktar konkreti biex jipprova li l-appellant mhux il-kap tal-familja."*

L-Artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) jipprovdi:-

*"familja tfisser persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja…"*

*"kap ta' familja dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja."*

L-aggravju tal-appellant u tista' tghid li l-appellant ma jaqbilx mal-Arbitru li l-appellat hu kap ta' familja. Fir-rikors tal-appell, l-appellant argumenta:-

*"12. Illi mid-dikjarazzjoni li ghamlet omm l-appellant, Carmen Ellul, fuq l-applikazzjoni ghall-Ghajnuna Socjali ta' binha, jirrizulta li d-dar li tghix fiha hija dar kbira hafna, li giet maqsuma fi 3 appartamenti, penthouse u l-basement gie konvertit f'garaxx kbir;*

*13. Illi hi ddikjarat li b'mod informali tat appartament lil kull wild b'titolu ta' donazzjoni liema donazzjonijiet kienu biss bil-fomm ghaliex saz-zmien meta saret id-dikjarazzjoni omm l-appellat irrilevat li ma kellhiex il-flus necessarji sabiex tifformalizza dawn id-donazzjonijiet ghand nutar pubbliku;*

*14. Illi dan it-tqassim fid-dar kien purament ghall-kumdita' tal-familja kollha, izda bl-ebda mod dan it-tqassim informali ma jista' jitqies bhallikieku dawn il-hamsa min-nies qed ighixu b'mod separat u distint minn xulxin. Il-fatt biss li hemm meter wiehed tad-dawl u tal-ilma u li fuq il-kont tad-dawl dawn l-appartamenti, penthouse u garage huma meqjusa bhala fond wiehed li fih joqghodu hamsa min-nies, huwa prova cara kemm din hija dar wahda fejn l-ulied qed ighixu mal-omm izda f'sular differenti.*

*15. Illi jidher li f'din id-dar joqghod ukoll hu l-appellant li huwa mpjegat u l-appellat jissottolinea fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2014 li l-kont tad-dawl u tal-ilma jithallas minn ommu u dan l-istess huh u dan juri kemm l-appellat ma jista' qatt jitqies bhala kap tal-familja ghaliex huwa dipendenti fuq haddiehor sabiex imqar jithallas il-kont tad-dawl u l-ilma"*

Il-qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tal-appellant. Jekk persuna jikkwalifikax bhala kap tal-familja m'huwiex determinat minn jekk go bini hemmx meter wiehed tad-dawl u l-ilma u min ihallas il-kontijiet tad-dawl. L-Arbitru sema' lill-appellat jixhed u kellu kull dritt jemmen il-verzjoni li ta u jikkonkludi li kien fir-realta' qieghed ighix ghal rasu. Din il-qorti ma tara assolutament xejn x'ticcensura fir-ragunament tal-Arbitru. Il-fatt li fil-bini kien hemm meter tad-dawl wiehed biss ma jfissirx li l-fond ma kienx maqsum f'appartament differenti u wisq inqas li l-appellat ma kienx qieghed ighix b'mod indipendenti mill-kumplament tal-familja tieghu li kienu qeghdin ighixu f'sulari differenti. Ghalkemm il-ligi tipprovdi li kap tal-familja hi dik il-persuna li **fl-opinjoni tad-Direttur** hi kap tal-familja, madankollu d-decizjoni trid tkun wahda ragonevoli. Skond ma nghad fit-twegiba li l-appellant ipprezenta quddiem l-Arbitru, id-Dipartiment ma kienx jikkunsidra lill-appellat bhala kap tal-familja ghaliex:

i. Il-fond numru 2, St. Joseph, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija ma jirrizultax li ghandu dawl u ilma. Mill-provi rrizulta mod iehor.
ii. L-appellat hu registrat bhala wiehed minn hamsa li jirrisjedu ma' ommu fl-appartament 1, St. Joseph, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija. Fl-applikazzjoni gie spjegat, bil-gurament, minn omm l-appellat x'kienet ir-

raguni li l-indirizz tal-appellat kien jidher bhala 1, St. Joseph, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija. Dak hu semplicement in-numru ufficjali. Verzjoni li m'hijiex kontradetta. Li fejn ighix l-appellat hu bin-numru mhux ufficjali, numru 2, jirrizulta wkoll minn rikors li Jessica Turner[1] ipprezentat fil-Qorti tal-Familja u fejn ir-residenza tal-appellat hi dikjarata bhala **Flat 2**.

Fic-cirkostanzi d-decizjoni tal-appellat li l-appellat ma kienx kap ta' familja, kienet bazata fuq fatti skorretti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

[1] Jirrizulta li l-appellat kellu relazzjoni ma' Jessica Turner u minn din ir-relazzjoni fit-28 ta' Gunju 2011 twieled Nathan Micallef.